MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Numru. 1096/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT PAUL VASSALLO**

**KONTRA**

**LAURENCE SEYCHELL ta' 55 sena, iben Thomas u Mary nee' Grech, imwieled Tal-Pieta' nhar is-06.08.1956, residenti fil-fond numru 13, Is-Sienja, Triq il-Luqqata, Kalkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 549256M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Laurence Seychell** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar hames snin, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Irrenda ruhu komplici ma’ ohrajn fit-twettieq ta’ kummerc bankarju jew ta’ hrug ta’ flus elettronici f’Malta jew barra minn Malta, meta ma kinux kumpanija licenzjata taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju mill-awtorita’ kompetenti ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 371 u Avviz Legali 155/1999 kif emendat bl-Avviz Legali 385/2003;

2. U aktar talli rrenda ruhu komplici ma’ ohrajn fit-twettieq ta’ kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew barra minn Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta’ Malta, Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u Avviz Legali 357/2002 kif emendat bl-Avviz Legali 386/2003, billi nnegozjaw fi strumenti ta’ swieq finanzjarji kif ukoll fi strumenti ohra finanzjarji li jistghu jigu trasferiti.

Rat li ma’ l-interrogatorju l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-istess.

Rat ukoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema skondtu hemm mahsub li tista’ tinstab htija u cioe’:
a. Fl-Artikoli 5, 35(3)(a)(c)(e), 35(4) tal-Kapitolu 371 u Avviz Legali 155/1999 (kif emendat( (SL 371.2005);
b. Fl-Artikoli 3, 22(1)(a)(c), 2 tal-Kapitolu 376 u Avviz Legali 357/2002 (kif emendat( (SL 376.2002);
c. Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-istess huwa ta l kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll iz-zewg kunsensi mahruga taht il-Kapitolu 371 u 376 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-provi kollha prodotti u semghet id-debita tratazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizultaw is-segwenti fatti:
Illi l-imputat, ghal certu zmien, fi kliemu stante li huwa ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana, kien jahdem mal-Bank of Valletta ghal perjodu ta' hamsa u tlettin sena. F'dan il-perjodu huwa kien f'diversi branches minnu msemmija, jumejn Bormla, Palace Square, Republic Street, Hamrun, IFB, rega' Hamrun, lura ghal Palace Square, lura l-Hamrun, Hal-Luqa, Bir id-Deheb, Wied il-Ghajn, u Recoveries. Beda bhala skrivan u spicca fil-kariga ta' manager.

Issa ghandu ukoll jinghad illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ufficcjal Prosekutur, din il-kawza bdiet in vista' tal-fatt li missier u mart l-imputat kienu qed jigu nvestigati minnu fuq allegat ksur tal-ligijiet bankarji u dawk finanzjarji. Minn tali nvetigazzjoni l-pulizija kellmet lil certu Eman Camilleri, ukoll impjegat tal-Bank of Valletta. Ghalhekk Eman Camilleri xehed illi hu qabel kien stazzjonat fil-branch tal-Bank of Valletta li tinstab gewwa Palace Square, kien hawn li sar jaf lill-imputat. Kien fil-fatt iwasslu ghax-xoghol. Camilleri kien l-iskrivan mentri l-imputat kien manager gewwa l-imsemmija fergha. Ghalhekk fi kliem dana ix xhud l-imputat kien il-boss tieghu.

Ikkonferma li l-pulizija kienu baghtu ghalih u kellmuh fuq third party cheques. Ikkonferma li dawn hu kien jaghmilhom, cioe' kien jiddepozitahom fil-kont ta' missier l-imputat. Xehed ukoll illi dawn ic-cheques kien jaghtihom jew lilll-istess missier l-imputat jew dana l-ahhar lill-istess imputat. Ikkonferma wkoll illi kienu c-cheques biss tac-Central Bank li fil-fatt ma setghux jissarrfu, pero kkonferma li hu dawn kien jiddepositahom biss. Ikkonferma ukoll illi huwa kien fil-fatt iserrah mohhu u jsarraf dawn ic-cheques, stante li missier l-imputat anke kellu over draft mill-bank ghal dan l-iskop, cioe' to cash third party cheques. Allura ix-xhud kien iserrah mohhu li kwalunkwe cheque li kien jigi lura, (il-ftit li dan gara skond hu), dan kien jigi onorat dejjem ghax anke fuq parir ta' l-imputat kien jiddebitah lil dan l-over draft mill-ewwel. B'din l-attivita' tieghu hu qatt ma wera lil ebda manager tieghu.

Xehed ukoll li fuq dan hu gie mitkellem mill-Compliance Unit tal-bank li qalulu li kellu jieqaf, u anke minhabba f'hekk qala' transfer.

In kontro ezami kkonferma li hu qatt ma sarraf ebda third party cheques. Kien biss jiddepozitahom. Ikkonferma ukoll illi il-Bank of Valletta kien anke ta overdraft facility lill-missier l-imputat to cash third party cheques. Ikkonferma rega' illi hu kien jinghata cheques kemm mill-imputat kif ukoll minn missieru. Ikkonferma ukoll illi jekk kien hemm xi okkazzjoni li third party cheque ma kienx jiussarraf, il-bank qatt ma kien isofri danni ghax dan kien jigi onorat mill-over draft moghtija lill-missier l-imputat.

Xhud iehor mill-bank kien Joseph Borg Cardona. Dan ezebixxa lista ta' bank managers Dok BC, kif ukoll dokument li juri l-managerial clerical structure ghall-perjodu bejn is-snin 2004 u 2005 Dok BC1. Esebixxa wkoll, fuq talba tad-Difiza, kopja ta' l-over draft agreement li kien hemm bejn il-bank minnu rapprezentat u missier l-imputat - certu Tommaso Seychell, Dok BC2. Ezebixxa wkoll il-personal file ta' l-imputat Dok BC3, kif ukoll sensiela ta' kontijiet savings u kurrenti f'isem omm u missier l-imputat, Dok BC4 sa Dok BC 15, over draft account Dok BC 16.

Catherine Galea in rappresentanza tal-MFSA xehdet dwar ricerki li hi ghamlet fuq l-imputat, u cioe' jekk dana kellux licenzji f'ismu jew bhala direttur jew share holder, biex izomm jew jaghmel attivitajiet ta' istituzzjoni finanzjara jew ta' bank. Ikkonfermat ukoll li lanqas ma kien hemm tali licenzji f'isem missier l-imputat.

Karen Cachia in rapprezentanza tal-Bank Centrali xehdet li ma sabet ebda applikazzjoni ghal xi licenzja bankarja qabel is-sena 2002 mahruga a favur l-imputat. Xehdet ukoll li wara s-sena msemmija kienet l-MFSA li kienet tohrog dawn il licenzji.

Deborah Farrugia ukoll tahdem mal-Bank of Valletta. Xehdet li kienet hekk taf l-imputat. Ikkonfermat illi l-bank fil-fergha ta’ Bormla fejn kienet tahdem hi kien immur missier l-imputat. Xehdet illi ghandha l-missier kien ghamel xi deposits ta’ cekkijiet tal-BOV u HSBC, pero nnegat li gew depositati ghandha cekkijiet tal-Gvern. Xehdet illi dan qatt ma seta’ jsir stante li dawn ic-cekkijiet ta’ l-ahhar ikunu only, u ghalhekk seta’ jsarrafhom jew jiddepozitahom biss il-payee. Ikkonfermat ukoll li ghalkemm gol-fergha ta’ Bormla hi gieli hadmet ta’ kaxxiera, l-imputat qatt ma kien kellimha fuq missieru.

Minn naha l-ohra, Alison Vella li tahdem il-BOV tan-Naxxar qalet illi kienet taf lill-imputat meta kienet tahdem mieghu fil-fergha ta’ Bormla. Ikkonfermat li hemm kien immur misieru jiddepozita third party cheques. Qalet illi dawk li kienet issarrraf hi kienu f’isem il-payee proprju, jew ikollu l-agent. Xehdet li qatt ma sarrfet cekkijet only ghax skondtha bil-ligi tal-bank dawn kellhom jissarrfu biss mill-owner taghhom. Biex taccetta li tiddepozita dawn ic-cekkijiet qalet illi kien jinhtieg prokura generali jew bankarja.

Anke x-xhud Maria Dolores Portelli kienet tahdem mall-bank in kwistjoni fil-fergha ta’ Bormla. Ikkonfermat li hi lil missier l-imputat gieli ddepozitatlu cekkijiet fil-kont tieghu ta’ l-istess bank u ta’ l-HSBC. Ikkonfermat fil-fatt illi dawn it-tip ta’ depoziti l-bank kien jaccettahom.

Josianne Dimech kienet xhud ohra li tahdem gewwa l-fergha ta’ Bormla. Ikkonferamt li kienet taf lill-imputat bhala impjegat tal-bank, kif ukoll lill- missieru li kien immur fil-fergha biex isarraf third party cheques anke ghandha, ghad-eskluzjoni ta’ dawk li kienu mahruga mic-Central Bank u dawk li kienu only, ghaliex xehdet li dawn ma setghux jissarrfu.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, kif gia’ inghad l-imputat ghazel illi jixhed minn jeddu. Ikkonferma illi l-kontijiet bankarju ta’ missieru kienu gewwa l-fergha ta’ Bormla. Qal illi hu fil-fergha ta’ Bormla qatt ma kellu kariga manigerjali, anzi qal illi hemm ghamel biss jahdem

xi jumejn. Qal illi missieru Qatt u qatt ma kellu kontijiet f'xi fergha fejn kien jahdem jew kien manager hu (folio 195). Xehed illi hu kien estraneju ghad-depoziti li kien jaghmel missieru, tant illi kien sar jaf x'kien hemm ezatt meta nqala' l-kaz. Qal illi kien hawn li sar jaf li kellu over draft agreement mal-BOV, specifikatament to encash third party cheques. Ikkonferma li f'din il-facilita' li kellu missieru hu ma kellux x'jaqsam. Ikkonferma wkoll li hu kien iwassal ix-xoghol lil certu Eman Camilleri, fost l-ohrajn anke li missieru gieli tah xi envelopes biex jghaddihom lil dan Camilleri. Qal illi hu u dan Eman kienu jahdmu flmkien, pero mhux fl-istess dipartiment gewwa Palace Square. Xehed li hu qatt ma gie moghti envelope minn missieru li pprocessa direttament hu jew li ddepozita hu.

Ghazel anke li jikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija minnu rilaxxata.

In kontro ezami xehed illi ghalkemm hu gieli ghadda envelopes lil Camilleri, qatt ma kien ikun jaf x'fihom ghax kienu jkunu ssigillati. Dan nonostante li hu kien jaf li missieru kien fil-fatt isarraf ic-cekkiijiet. Ikkonferma ukoll li kien jaf bl-attivita' ta' missieru anke fir-rigward tac-cekkijiet 'only'. Ikkonferma ukoll illi hu gieli ghadda cekkijiet lil missieru biex issarrafhom, cekkijiet tal-hbieb kif sejhilhom hu "..tad-dawra" (folio 202). Anzi kkonferma li dawn il-hbieb tad-dawra ma kienux japprezzaw li ghalkemm hu kien jahdem il-bank, kien f'dipartiment fejn ma kellux flus, ghalhekk kien gieli jghaddi dawn ic-cekkijiet lil missieru. Ghalih dawn ic-cekkijiet kienu jigu depozitati mhux jissarrfu. Xehed illi hu qatt ma sarraf cekkijiet. Pero kkonferma li hu ta envelopes lil Camilleri.

Ikkonsidrat:

Stabbiliti dawk li huma l-fatti principali, din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-istess, konsiderando r-reati addebitati fl-Artikoli gia' hawn fuq esposti.

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni ezebit l-istqarrija gia' rilaxxata mill-istess imputat. Din l-istqarrija giet fil-fatt mehuda fuori dak ir-regime llum stabbilit mill-

Qrati Kostituzzjonali taghna, dawk Ewropej u l-Ligi nostrana. Fil-fatt bhala fatt minn imkien ma jirrizulta li l-imputat gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat qabel ma rrilaxxa l-istess. Issa kif premess fix-xhieda tieghu l-imputat ghazel li jikkonferma l-kontenut ta' l-istess stqarrija, tant illi anke kkorega fejn fiha ma qabilx ma' l-interpretazzjoni li ta l-Ufficjal Prosekutur. Pero, ghalkemm l-imputat minn jeddu bil-gurament ghazel illi jaghmel referenza ghall-istqarrija, din il-Qorti xorta thoss illi l-valur probatorju taghha jibqa' mminat bin-nuqqas tad-dritt issa sancit ta' l-assistenza legali.

Certament gie ukoll stabbilit illi l-imputat qatt ma kellu ebda licenzja taht il-Kapitolu 371 u l-Kapitolu 376 tal-Ligjiet ta' Malta. L-istess imputat anke ammetta viva voce illi hu gieli ha envelopes maghluqin li kien jaghtih missieru u ghaddihom lil Camilleri. Ammetta ukoll illi hu gieli sarraf tramite missieru cekkijiet ta' terzi, sarraf fis-sens illi missieru kien jiddepozita l-istess.

Issa l-Artikoli addebitati mill-Avukat Generali ma jikkontemplawx il-komplicita' kif inhi l-akkuza originali. L-Artikoli mibghuta jittrattaw ma' l-imputat bhala l-attur tar-reat in dezamina. Ma' dan il-Qorti certament ma taqbilx. Verament l-imputat bl-esperjenza bankarja tieghu, hamsa u tlettin sena kif minnu ammess, kellu jew messu kellu xjenza tajba ta' dak li seta' jew ma setax isir fil-konfront ta' third party cheques, dawk li setghu jissarrfu, jigu depositati u dawk li kienu cheques tac-Central Bank jew intestati only. Iktar perplessanti huwa l-fatt ghala tressaq l-istess imputat meta kien l-istess bank li ta lil missieru overdraft facility biex jigu msarrfa third party cheques u b'dan l-imputat kien jaf, jew sar jaf.

Il-Qorti tista' tifhem, u dan mill-mistoqsijiet li saru mill-Ufficcjal Prosekutur lill-imputat fl-istqarrija, illi fil-mira taghhom kien hemm missier l-imputat u li l-investigazzjonijiet kienu mmirati lejn source iehor ta' kif kienu qed jigu ottenuti l-flus, pero oltre dana kollu l-Qorti ma tistax issib ebda element konkrett ta' mens rea da parti ta' l-imputat illi biha hu kellu xi intenzjoni li jikser ligi

bankarja jew finanzjarja. Anke jekk hu kien iwassal dik il-persuna, Emam Camilleri, li kienet qed taffettwa d-depoziti ghal missier l-imputat, dan huwa kien jaghmlu bil-konoxxenza illi l-bank li mieghu kien impjegat kien ta lil missieru facilita' li jsarraf third party cheques. Dan aktar u aktar  meta hu lanqas qatt ma kien f'bank fejn kien jikkomerca missieru, hlief ghal ftit granet u qatt ma agevola lill-istess, almenu mill-provi prodotti. Lanqas frankament ma jirrizulta li l-imputat ghamel xi qliegh jew gwadann, certament oggett  marbut ma' kull bank jew istituzzjoni finanzjarja. Tali qliegh kien wiehed li kien qed jigi ppercepit minn missier l-imputat. Lanqas ma gie sufficjentament pruvat li l-imputat kellu konoxxenza ta' dan.

Ghaldaqdstant din il-Qorti qeghda tillibera lill imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------